Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 64**
**it-Tlieta 26 ta'Marzu 2024**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:00 pm.

**PREŻENTI:**

Margaret Baldacchino Cefai :  Sindku
Charles Selvaggi :  Kunsillier
Jean Claude Borg :  Kunsillier (Dahal 5:49 p.m)
Maurice Agius :  Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop :  Kunsillier
Emanuel Brincat :  Kunsillier
Alfred Farrugia :  Kunsillier
Renald Camilleri :  Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Romina Galea :  Viċi Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella :  Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**64.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

64.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tas-sinjura Romina Galea li talbet tkunu skużata.
Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

**64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

64.2.01 Il-minuti ta' Seduta L8-63 ittieħdu bħala moqrija.
Kien hemm korrezzjoni (miżjuda) fil- minuti 63.4.17 u ġiet miżjuda 63.5.04
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**64.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

64.3.01 B'referenza għal minuti 63.5.03, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar żewġt attivitajiet bil-purċissjoni tat-tfal u l-attività interkulturali relatata ma' sawm fir-reliġjonijiet fejn kien hemm parteċipazzjoni sabiħa u kollha ġew milqugħa tajjeb ħafna. Fl-istess ħin irringrazzjat lill kull min ta' s-semm tiegħu biex għal darba oħra dawn ġew organizzati u kienu suċċess. Fakkret ukoll li għad fadal l-attività tal-fjakolata li jingħata aktar dettalji dwarha il-quddiem fis-seduta.

Is-Segretarju Eźekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li kif diskuss kienet saret komunikazzjoni bit-talba għal għajnuna mid-dipartiment tal-edukazzjoni sabiex jipprovdi trasport meta jkun hemm attivitajiet kulturali li jipparteċipaw it-tfal tal-iskola, fejn din ġiet approvata.

Is-sur Emanuel Brincat ippropona sabiex tintbagħat nota uffiċjali ta' ringrazzjament għal għajnuna riċevuta.

Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li kien ġa għamel dan b'apprezzament waqt il-kommunikazzjoni relatata, ma' dan kollu tista' tintbagħat ukoll ittra uffiċjali.

**64.4 Tweġibiet għall-Mistosijiet tal-Kunsillieri;**

64.4.01 B'referenza għal-minuti 63.4.03, Is-sur Maurice Agius tkellem dwar periklu li hemm go Triq ix- Xatt Ta 'Xbiex f'dahla ta' Misrah San Guzepp minħabba li n-nies għadhom qed jaqsmu minn fejn qabel kien hemm il-*pedestrian crossing* u ppropona sabiex ssir x' ħaga mad-daħla

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li l-*pedestrian crossing* ġiet mexxija ftit metri il' bogħod u tidher sew fejn qiegħda għalhekk min qed jaqsam minn hemm għax irrid hu. Spjegat ukoll li d-daħla hija aċċess għal manutenzjoni u bizzejjed li jkun hemm il-bollard għalhekk ma' taqbilx li tingħalaq id-daħla kif kien ssuġġerit b' katina għax ma' tagħmilx sens.

Saret diskussjoni qasira u ġie ssuġġerit li ssir tabella indikattiva mqar minn naħa waħda faċċata tad- daħla tal-Misraħ.

Is-segretarju Eźekuttiv ħa nota.

64.4.02 B'referenza għal minuti 63.4.05, f'rigward tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi li mhix toġġezzjona għal żvilupp residenzjali proposti bl- applikazzjoni tal-kontroll tal-ippjanar numru PC 0013/17, is-Segretarju Eźekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-perit ġie mitlub sabiex Isir survey tal-art indikata.

Is-sur Emanuel Brincat staqsa dwar l-ittra uffiċjali lill Gvern Ċentrali biex jikkunsidra li jieħu din l-art f'idejh.

Is-segretarju Eżekuttiv wieġeb li għadu ma' għamilx id-draft tagħha għax għadu mhux ċert dwar x'se jikteb eżatt biex jifforma it-talba.

64.4.03 B'referenza għal minuti 63.4.06 u 63.5.11, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li se ssir laqgħa mal-operatur tal-B.I.S nhar l- Erbgħa 27 ta' Marzu.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew dwar is-sitwazzjoni li qed ikun hemm mal-BIS li nbidlu f'miżbla fejn is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li ġiet msejjħa laqgħa online mal-ERA fejn mhux se ċċedi għal pressjoni biex il-kunsill jżid aktar siti oħra biex jiġri l-istess. Is-sur Maurice Agius dikjara li jifhimha bħas-sindku.

Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

64.4.04 B'referenza għal minuti 63.4.07, dwar żewġt siti tal-iżvilupp msemmija (Dar tal-anzjani PA/8360/21) u (Lukanda- PA/7039/21), is- Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret komunikazzjoni oħra mal- BCA sabiex il-kunsill lokali ikun mgħarraf dwar l-aħjar triq il' quddiem biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-persuni li jkunu mixjin minn quddiem dawn is-siti. Kif qed jiġi mifhum mit-tweġibiet tal-PA, jidher li ma ttieħdet l-ebda dispożizzjoni f'dan ir-rigward madankollu, dan ma jeħlisx lill-iżviluppatur biex jipprovdi direttament u jiżgura is-sigurtà pubblika. Dan l-obbligu sa issa kien traskurat miż-żewġt żviluppaturi li mhux aċċettabbli u kien jeħtieġ li jiġi indirizzat b'mod immedjat biex jiġi evitat kwalunkwe possibilità ta' inċident jew konsegwenzi oħra. Aktar kmieni matul l-ġurnata tkellem mas- site manager inkarigat għal PA/7039/21 fejn ġie miftiehem li fil-ġimgħa ta' wara ssir bankina temporanja quddiem is-sit b'hekk ħarġu l-permessi għal dan l-iskop b'hekk almenu jkun hemm bankina fuq din in-naħa tat-triq.

64.4.05 B'referenza għal minuti 63.4.11, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li Transport Malta ma'ssibx oġġezzjoni sabiex Triq Esperanto terġa ssir *One Way* .

64.4.06 B'referenza għal minuti 63.4.15 dwar il-proposti li għamlu l-kunsilli f'rigward ta' toroq b'parkeġġ kontrollat, is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret kommunikazzjoni verbali mal-President tal- Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn ġie spjegat li dawn ġa tkellem ma u għaddihom lill ministru l-ġdid responsabbli iżda sal-ġurnata għad ma' kienx hemm aktar żviluppi.

64.4.07 B'referenza għal minuti 63.4.16, is-sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm x'iżvilupp dwar ir-rampa go Triq Princess Margaret,

Is-segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal-ġurnata ma' kien hemm ebda risposta.

64.4.08 B'referenza għal minuti 63.5.02, is-sur Emanuel Brincat staqsa jekk kienx hemm risposta dwar kif hu l-pjan tal-immaniġġjar tat- traffiku go Triq C De Brokdorf ħalli fil-każ, il-kunsill imexxi bil-proposta sabiex din ssir *one way* minn Triq Gerry Zammit sa k/m Giovanni Schranz.

Is-segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal-ġurnata għad ma' hemmx risposta.

64.4.09 B'referenza għal minuti 63.5.04 dwar il-proġett ta' DONINU MALTA, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li ġiet ordnata tinda li fuqha se jkun hemm ukoll l-emblema tal-Kunsill Lokali L-Imsida.

64.4.10 B'referenza għal minuti 63.5.05,dwar il-bank tal- barbier go Triq Joħnny Catania ġiet imqassma ittra uffiċjali mill- kunsill sabiex dan ma jibqax jostakola l-bankina.

Is-sur Emanuel Brincat konferma li l-bank ma’ għadux hemm.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-planter go Sqaq Joħnny Catania għax mitluq.
Is-segretarju Eżekuttiv ħa nota.

64.4.11 B'referenza għal minuti 63.5.08, Is-sur Charles Selvaġġi staqsa jekk kienx hemm x’iżvilupp dwar ix- xogħol li jrid ssir go Triq Achille Ferris.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għadu ma' kienx hemm tweġiba biss jista’ jkun li l-kuntrattur għadu qed jistenna mingħand Transport Malta peress biex ikun jista’ jaħdem kien qed jitlob li tingħalaq parti mill- karreġġjata go Triq Mikiel Anton Vassalli.

64.4.12 B'referenza għal minuti 63.5.09, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti skont komunikazzjoni li waslet minn għand il-pulizija qed ssir osservazzjoni biex ikun verifikat l-ilmenti dwar bejgħ ta' drogi fit- toroq Qroqq u Skola.

64.4.13 B'referenza għal minuti 63.5., is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li tkellem mal-iżviluppatur go Triq Misraħ il-Barrieri li bena *hoarding wall* sabiex jieħu ħsieb li ssir bankina temporanja biex jipprovdi aċċess pedonali. Hawn spjega li proprja mar biex jivverifika dwar l-aċċess minn fuq il- bankina quddiem binja go Triq Santa Venera iżda b’iżball mar fuq dik li semmiet qabel li xorta kienet teħtieġ azzjoni. Għalhekk se jara kif fl-iqsar żmien isir l- istess dwar din il-binja.

64.4.14 B'referenza għal minuti 63.5.13, Is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li sejjaħ u saret laqgħa mal-ħaddiema ta’ barra kif ukoll dawk tal-uffiċju dwar numru ta' affarijiet amministrattivi. Dawn il-laqgħat kienu kemm ma' kull impjegat personali u anke f’daqqa fejn ġew verifikati, diskussi u fejn kien hemm bżonn indirizzat xi nuqqas li kien osservat. Saret ukoll laqgħa apposta mal-ħaddiema assenjati (CWEF) fil-preżenza tad-diretturi u uffiċjali tal-kumpanija rispettiva fejn kien magħmul ċar liema huma drittijiet kif ukoll l-obbligu tagħhom li jobdu l- istruzzjonijiet tal-amministrazzjoni.
Is-sur Emanuel Brincat staqsa dwar dak li semma waqt is-seduta preċedenti.
Is-segretarju Eżekuttiv wieġeb li talab għal darba, tnejn, tlieta lil ħaddiema ta' barra biex jikkonfermaw dwar dak li ntqal li qed jagħmlu l- ilment dwaru iżda dawn kull darba wieġbu li ma’ kienx hekk. Għalhekk apparti il-laqgħat msemmija ma' jistax jagħmel aktar minn dak li sar.

**64.5 Items oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

64.5.01 Is-sur Emanuel Brincat talab sabiex ssir xogħol ta' patching go Triq Robert Naudi fejn tagħlaq.
Is-segretarju Eżekuttiv ħa' nota.

64.5.02 B’referenza għal minuti 63.4.18, Is-sur Emanuel Brincat tkellem f'rigward L-Imsida shuttle u staqsa dwar l- iskeda ta' rotot biex ikun hemm aktar promozzjoni tiegħu.
Is-sur Nicholas Chircop ssuġġerixxa sabiex jinstab mod aħjar kif is-servizz ikun operat.
Is-segretarju Eżekuttiv spjega li fil-mument qed jiġi operat skond il-ftehim marbut mal-proposta biss se jagħti ħsieb għal li jista’ jsir.

64.5.03 Is-sur Nicholas Chircop tkellem dwar bozza go Triq l-Għajn tal-Ħasselin.

64.5.04 Is-sur Nicholas Chircop tkellem dwar drenaġġ go l-Għajn tal-Ħasselin u staqsa dwar il-pompi.

Is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li MTIP-PWD (CSU) wettqet spezzjoni fin-netwerk tal-pajpijiet tal-ilma tax-xita bl-użu ta' CCTV biex tidentifika s-sors u l-post tal-infiltrazzjoni tad-drenaġġ fil-ġibjun tal-ilma tat-triq tal-Wied u nstab li s-sors ta' dan id-drenaġġ huma żewġ konnessjonijiet illegali tad-drenaġġ man-netwerk tal-pajpijiet tal-ilma tax-xita minn blokka kbira ta' appartamenti li jinsabu fi Triq it-Torri (is-Swatar). Hawn spjega li għalkemm mhux ċert xorta ma' tistax teskludi li dan huwa relatat mal-problema tal-għajn għaddew bosta ġimgħat minn meta għamlet l-aħħar xita u żgur li tniggiż mhux ġej biss meta tfur xi tappieri. Tkellem ukoll f'rigward tal-pompi għaċ-ċirkulazzjoni tal-ilma fl-għajn li se jsiru fil-ġimgħat li ġejjin bi ħsieb li jsir stand għalihom biex jippermetti manutenzjoni u tindif minn fuq l-art.

64.5.05 B'referenza għal-minuti 38.5.13, dwar PA/00886/20 , Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-kamra inkluża fl-iżvilupp tal-pjazzetta go Triq l-Għeriebel sabiex kif l-iżviluppatur jikkonkludi ix-xogħol li fadal fiha, ssir esebizzjoni tal-arti.
Is-sur Nicholas Chircop tkellem dwar bżonn li jsiru xi bins inkluż tal-klieb fil-pjazzetta
Is- Segretarju Eżekuttiv ħa' nota.

64.5.06 B'referenza għal minuti 57.4.10, Is-sur Emanuel Brincat tkellem dwar ix-xogħol tal-IM u l-WSC li sar go Triq Clarence, u l- problema li għandhom x' whud mis-sidien ta' garaxx minħabba x-xaqliba ta'rampi kif hu qed iwassal biex jħokk il-qiegħ tal-vetturi tagħhom.
Is-segretarju Eżekuttiv ħa' nota.

64.5.07 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar bżonn li jsiru linji sofor doppji go Triq il-Kuncizzjoni u San Lwigi.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u spjega kif riċenti qed ikun hemm bosta talbiet simili kif ukoll problemi b'mod speċjali għal kaxxa safra fejn sar xogħol ta' tarmak ġdid. Hawn kompla jispjega li dawn mhux qed issiru mill- IM għal raġuni waħda li dawn mhux konformi għal dak l- iskop u Transport Malta mhux qed tawtorizza marki bħal dawn fit-triq. Il-leġislazzjoni sussidjarja 65.11 f'paragrafu 4 tispeċifika li ħadd ma jista' jimmarka linji quddiem il-garaxx filwaqt li paragrafu 5 jgħid ukoll li ħadd ma jista' jimmarka jekk mhux bil-permess tal-awtorità'. Għalhekk wara li ġie meħud parir legali qed ikun approvat li jsiru linji doppji quddiem il-garaxx basta jkun hemm dikjarazzjoni minn sid il-garaxx li qed jintalbu tali linji sofor u li ħadd ma' jkun jista' jipparkja quddiem il-garaxx l-anqas l-istess sid.

64.5.08 Is-sur Alfred Farrugia tkellem dwar kif go Triq L Zahmenhof, kmieni filgħodu fit-3:20 tal- 21 ta' Marzu, ngħataw numru ta' ċitazzjonijiet lill vetturi li kienu fuq linji sofor u llmenta li dak il-ħin ma' kienux qed jostakolaw l-ebda attività.

64.5.09 Is-sur Charles Selvaggi tkellem dwar arblu go Triq Misraħ il-Barrieri k/m Triq Oskar Zammit bi tħarbit ta' wires ta' dawl mdendla b'mod perikoluż.
Is-segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li se jivverifika.

64.5.10 B'referenza għal minuti 58.5.05, Is-sur Jean Claude Borg tkellem dwar l-aħħar preparamenti li qed issiru għal fjkolata nhar il-Ħamis 28 ta' Marzu (Ħamis ix-Xirka) go Misraħ San Guzepp.

64.5.11 Is-segretarju Eżekuttiv għamel referenza għal minuti 61.5.09, dwar il-Bye Law tal-Iskal fejn ġiet preżentata d-draft bl-aħħar emendi proposta waqt il-laqgħa online mal-avukat li miegħu ġie nkluż id-deċiżjonijiet msemmija fl-istess minuti. Għalhekk qed jitlob sabiex tittieħed deċiżjoni finali ħalli jkompli jmexxi bil-proċess mad-dipartiment għal approvazzjoni tal-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali.

Is-sur Emanuel Brincat ippropona li jingħata ġimgħa żmien mis- seduta sabiex il-kunsilliera jerġgħu jiflu d-dokument u għal bżonn jikkomunikaw il-kummenti tagħhom. F' każ li ma' jkunx hemm kummenti fi żmien miftiehem ikun ifisser li l-kunsill se jkompli jmexxi bil-proċess.
Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.
Is-segretarju Eżekuttiv ħa nota.

64.5.12 Is-segretarju Eżekuttiv tkellem dwar ir-rapport dwar il-ħidma tal-kunsill għas-sena 2023 li jrid ikun preżentat waqt il-laqgħa Annwali Pubblika li suppost trid ssir sal-15 ta' April 2024. Ma' dan kollu minħabba li dan jinvolvi ħafna xogħol mhux possibbli li ssir fi ħmistax il-ġurnata għalhekk qed jitlob li tiġi posposta għal qabel is-seduta tal-kunsill li jmiss li se tkun it-Tlieta 30 ta' April.
Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament

**64.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat ;**

64.6.01 B'referenza għal minuti 59.5.15, Is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li għalqet l-evalwazzjoni tal-offerti għas- sejħa ta' *Tender Klmsd / Tdr / 05 / 2023 for The Professional Services Of A Contracts Manager Including the Management / Supervision Of General Routine Non-Contractual Upkeep Works Within The L-Imsida Local Council*. Hawn spjega li minn 4 operaturi ekonomiċi li tefgħu l-offerta tagħhom l-orħos waħda (€28,800) ġiet mwaqqa' minħabba nuqqas li tingħata risposta fi żmien stabbilit mir-regolamenti għal waħda minn żewġt talbiet ta' kjarifika teknika li talab il-Bord. Għalhekk il-bord qed jirrakkomanda t-tieni orħos offerta (€37,377.60) wara li ta' kjarifika għal- żewġt talbiet tal- bord b'mod li tissodisfa l-kriterji tekniċi mitluba.

Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

**64.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

64.7.01 Is-segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-64 ta' ħlasijiet bejn it -28 ta' Frar u 26 ta' Marzu 2024.
Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw l-iskeda unanimament li ġiet proposta mis-sur Alfred Farrugia u ssekondat mis-sur Emanuel Brincat.

**64.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

64.8.01 Il-laqgħa ntemmet fis- 06:00 ta' filgħaxija, u s-seduta li jmiss se tkun nhar it-Tlieta 30 ta' April wara tmiem tal-laqgħa pubblika li tibda fil-5:00 ta' filgħaxija

Minuti konfermati, illum 30 ta' April 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |